MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1637/2003

**Camelcold Limited**

**vs**

**Joseph Agius**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm692.75) rapprezentanti prezz ta installazzjoni, xiri ta' pizza oven, canopy, gas battery u dan skond invoice numru 00391 (Dok. A), liema soma hija certa, likwida u dovuta.
Bl-ispejes, inkluzi dawk ta' ittra bonarja tal-20 ta' Mejju 2002 (Dok. B) kif ukoll bl-imghax kummercjali li ghandu jigi kalkolat mit-3 ta' Mejju 2001, bis-ubizzjoni tal-istess konvenut.

Ra r-Rispopsta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi preliminarjament, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante li hiaj preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta’ Malta
Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, itt-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontra l-sitess socjeta’ attrici stante li l-ebda ammont ma huwa dovut mill-eccipjenti u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza
Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut, ta’ Doris Buhagiar, ta’ Joseph Camilleri u ta’ Charles Camilleri.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati miz-zewg partijiet in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Marzu 2005 fejn il-kawza giet imholija ghas-entenza in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni solevata mill-konvenut.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub fil-kawza odjerna jirrigwarda prezz ta’ nstallazzjoni u bejgh ta pizza oven, canopy u gas battery da parti tas-socjeta’ attrici lill-konvenut. Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni  a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta’ Malta, u cioe’ il-preskrizzjoni ta’ tmintax il-xahar. Il-fattura relattiva lli tinsab esebita a fol. 29 tal-process hija datata 3 ta’ Mejju 2001 u l-kawza odjerna giet intavolata fit-22 ta’ Awissu 2003, u ghalhekk oltre it-tmintax il-xahar stabbilit fl-imsemmi Artikolu.

Is-socjeta’ attrici tikkontendi li l-konvenut irrikonoxxa d-debitu meta qal li l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici huwa eccessiv. Is-socjeta’ attrici tinvoka l-Artikolu 2133 tal-Kap, 16 li jistabilixxi s-segwenti:-

"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskeizzjoni kienet bdiet miexja."

F'sentenza tat-28 ta' April 2004 fil-kawza fl-ismijiet **"JosephCassar vs Sunny Muscat"** il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) qalet li *"Ir-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-ko-ezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri (a) il-volontarjeta', (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut (c) l-inekwivocita' u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad esemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament u l-hlas akkont."*

Illi f'sentenza ohra tal-24 ta' Mejju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **'Mario Galea vs John Atard'** il-Prim Awla tal-Qorti Civili stabbiliet li *"Jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn, dan ir-rikonoxximent jista' jkun anki prezun tjew indirett. L-anqas hemm bzonn li r-rikooxximent ikun ghal kwantita' kollha dovuta, u jista' wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu".*

Fil-kaz odjern il-konvenut xehed li meta huwa rcieva l-kont minghand is-socjeta' attrici huwa kien oggezzjona ghal prezz ta' *item* wiehed fuq dan il-kont, u cioe' pajp zghir tal-*gas* li skond il-konvenut i-socjeta' attrici kienet qaltlu li ser ikun bla hlas. Meta rcieva l-kont u ra li kien qed djigi mitlub ihallas mitt lira Maltin (Lm100.00) ghal dan il-pajp il-konvenut kien gggezzjona. Il-konvenut inoltre jghid li huwa kien tilef l-*itemised bill* li rcieva minghand is-socjeta' attrici u kien talabha tibghatlu kont iehor. It-Tribunal jidhirlu li dan jammonta ghal rikooxximent tad-debitu ai termini tal-Artikolu 2133 hawn fuq citat u li ghalhekk il-perijodu ta preskrizzjoni inkiser.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza ghas-smiegh tal-provi dwar il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------